# IL-PARLAMENT EWROPEW JITKELLEM DWAR L-ISPORT

Hekk kif dalwaqt jibda ż-żmien tal-futbol Ewropew, bil-kompetizzjoni bejn l-aħjar pajjiżi tal-kontinent jilgħabu fl-Isvizzera u l-Awstrija, tibda wkoll iżżid id-diskussjoni fuq id-drittijiet għax-xandiriet televiżivi. Matul il-ġimgħat li għaddew, il-Parlament Ewropew għadda rapport, b'maġġoranza kbira ta' voti, li għamel sejħa lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa linji ta' gwida iktar ċari dwar kif għandhom japplikaw ir-regoli ta' l-Unjoni fid-dinja ta' l-isport.

Waħda mid-diffikultajiet hija dik dwar id-drittijiet marbuta ma' l-isport. Ir-rapport tal-Parlament irribatta t-tentattivi ta' xi assoċjazzjonijiet sportivi biex dawn jistabbilixxu drittijiet ġodda fuq il-propjetà intellettwali marbuta ma' l-avvenimenti sportivi – bħal per eżempju fuq informazzjoni dwar l-avveniment innifsu. Skond Membru tal-Parlament, dawn id-drittijiet ġodda ma ssibhom fl-ebda regoli oħra dwar il-propjetà intelletwali.

Ir-rapport kompla jisħaq li l-gvernijiet għandhom jiżguraw aċċess wiesa' għal xandiriet televiżivi ta' avvenimenti sportivi kbar – bħal-logħob Olimpiku u t-Tazza tad-Dinja tal-futbol. Dawn għandhom ikunu fuq stazzjon ta' televiżjoni li jista' jxandar mingħajr ħlas, bħala parti minn lista ta' attivitajiet li huma importanti u ta' interess għal pubbliku ġenerali. Listi bħal dawn huma mħejjija minn kull Stat Membru, wara li jikkunsidra s-sitwazzjoni soċjali u kulturali taċ-ċittadini.

Il-maġġoranza kbira tal-Membri tal-Parlament qablu wkoll li l-flejjes kbar ġejjin mix-xandiriet jitqassmu b'mod ekwu bejn l-għaqdiet kbar u żgħar. B'hekk ma tibqax sitwazzjoni fejn klabb sinjur ikompli jikber u jiżviluppa, waqt li ieħor żgħir m'għandux ċans li jkompli jtejjeb lilu nnifsu minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji.

Kwistjoni li qegħda wkoll issir taħraq, b'mod partikulari fil-każ tal-futbol, hija dik dwar kemm plejers ta' nazzjonalità barranija jistgħu jilagħbu f'tim partikolari. Wara l-każ ta' Bosman fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, ġie ċċarat li plejer jitqies bħal ħaddiem ieħor u għalhekk jista' joffri s-servizzi tiegħu kullimkien mingħajr restrizzjonijiet ta' nazzjonalità.




Din il-posizzjoni qed tikkawża reazzjonijiet negattivi kemm mill-UEFA u l-FIFA kif ukoll mill-FIVB – il-federazzjoni tal-*volleyball*. Il-Membri Parlamentari, waqt li affermaw il-benefiċċji li klabb ikollu numru ta' plejers li huma mill-pajjiż, jaħsbu li jista' jkun hemm metodi oħra li jistgħu jintużaw minflok l-użu ta' kwota (preżentament illegali) li tindika n-numru ta' plejers minn kull pajjiż.

Dan ir-rapport jifforma parti mill-iżvilupp ta' l-Unjoni Ewropea fid-dinja sportiva, fejn is-sena l-oħra l-Kummissjoni Ewropea kienet ħarġet *White Paper* dwar l-isport. Ta' min jgħid li r-rapport tal-Parlament Ewropew kien reazzjoni għal dan id-dokument. Hemm ukoll il-fatt li dan is-settur huwa inkluż fit-Trattat ta' Lisbona, li bħalissa għaddej mill-proċess ta' ratifikazzjoni, u għalhekk jekk it-Trattat jidħol fis-seħħ, l-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem b'iktar azzjoni fil-qasam ta' l-isport.



***Minn Julian Micallef***
*Forum Malta fl-Ewropa*

FORUM MALTA FL-EWROPA

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: foruminfo@gov.mt*